



Dokument ta' sessjoni

B9-0344/2022

29.6.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

imressqa skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa
(2022/2734(RSP))

Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Paul Tang
fisem il-Grupp S&D

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa (2022/2734(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Titolu VII u l-Artikolu 116 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
 - wara li kkunsidra d-"Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastru biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija" maħruġa fil-kuntest tal-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)/G20, li aderew magħha u qablu magħha 137 membru minn 141 membru sal-4 ta' Novembru 2021,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni¹,
 - wara li kkunsidra l-analiżi tal-Osservatorju tat-Taxxa tal-UE tal-25 ta' Ottubru 2021 intitolat "Revenue effects of the global minimum tax: country-by-country estimates" (L-effetti tad-dħul mit-taxxa minima globali: stimi għal kull pajjiż),
 - wara li kkunsidra l-istudju tal-Istitut Ekonomiku Pollakk ta' Jannar 2020 intitolat "Tax unfairness in the European Union: towards greater solidarity in fighting tax evasion" (L-inġustizzja fiskali fl-Unjoni Ewropea: lejn aktar solidarjetà fil-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-8 ta' Ottubru 2021, 136 minn 140 membru tal-Qafas inklużiv dwar il-BEPS tal-OECD/G20 qablu dwar ir-riforma tas-sistema tat-taxxa internazzjonali fl-ambitu ta' soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jiġu indirizzati l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u biex jiġi impost limitu minimu fuq il-kompetizzjoni fuq it-taxxa korporattiva bl-introduzzjoni ta' rata minima globali ta' 15 %;
- B. billi l-implimentazzjoni tar-rata tat-taxxa minima globali fl-ambitu ta' din ir-riforma

¹ Testi adottati, P9_TA(2022)0216.

b'żewġ pilastri tara li l-pajjiżi jiġbru madwar USD 150 biljun fi dħul ġdid kull sena²;

- C. billi l-UE waħedha tista' żżid id-dħul mit-taxxa korporattiva tagħha b'madwar EUR 64 biljun fis-sena billi timponi rata tat-taxxa korporattiva effettiva minima ta' 15 % skont il-Pilastru II ta' dan il-ftehim globali³;
- D. billi l-kwistjonijiet tat-taxxa fl-Unjoni huma soġġetti għal proċedura leġislattiva speċjali abbażi ta' vot unanimu fil-Kunsill;
- E. billi l-pajjiżi kollha tal-OECD u tal-G20, inklużi s-27 Stat Membru kollha tal-UE, laqgħu l-ftehim għar-riforma tar-regoli tat-taxxa internazzjonali f'Ottubru 2021;
- F. billi, minkejja dan l-impenn, l-adozzjoni tad-direttiva mill-UE biex tirrispetta u timplimenta l-Pilastru II ta' dan il-ftehim internazzjonali ("id-Direttiva tal-Pilastru II") falliet tliet darbiet fil-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala riżultat tan-nuqqas li tinkiseb l-unanimità;
- G. billi l-Polonja, u, aktar reċentement, l-Ungerija, invokaw il-vetoes nazzjonali tagħhom biex jimpedixxu l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Pilastru II madwar l-Unjoni, minkejja li hija appoġġata minn kull wieħed mis-26 Stat Membru l-ieħor f'kull każ;
- H. billi l-Ungerija, minkejja li qablet mal-implimentazzjoni tad-direttiva fil-laqgħat preċedenti tal-ECOFIN, invokat il-veto tagħha fl-ECOFIN ta' Ġunju 2022 wara l-irtirar tal-veto li ilu jeżisti min-naħa tal-Polonja;
- I. billi d-dħul pubbliku li jirriżulta mill-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Pilastru II fl-UE jkun partikolarment importanti fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna u tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija abbażi ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jafferma li r-regoli internazzjonali eżistenti dwar it-taxxa huma fil-biċċa l-kbira skaduti u ma jistgħux jindirizzaw id-diġitalizzazzjoni dejjem akbar tal-ekonomija u jrażżnu b'mod effettiv l-evalazzjoni u l-evitar tat-taxxa; jafferma wkoll l-ħtieġa urġenti għar-riforma tar-regoli permezz tal-adozzjoni tal-ftehim globali dwar it-taxxa tal-OECD/G20, biex ikun żgurat li s-sistemi tat-taxxa internazzjonali, tal-UE u nazzjonali jkunu adatti għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi l-ġodda tas-seklu XXI;
2. Jinnota bi tħassib kbir il-ġirja persistenti lejn l-aktar livell baxx f'termini ta' rati tat-taxxa korporattiva fl-ekonomiji żviluppati matul l-aħħar deċennji; jenfasizza t-tnaqqis qawwi fir-rati medji tat-taxxa korporattiva tal-UE minn 33,3 % fl-2000 għal 22,7 % sal-2020⁴; itenni l-ħtieġa urġenti li jiġi impost limitu minimu fuq il-kompetizzjoni tat-taxxa korporattiva permezz tal-introduzzjoni tar-rata minima effettiva ta' 15 %, f'konformità mal-Pilastru II tal-ftehim dwar it-taxxa globali;

² <https://www.oecd.org/tax/international-community-strikes-a-ground-breaking-tax-deal-for-the-digital-age.htm>

³ <https://www.taxobservatory.eu/wp-content/uploads/2021/10/Note-2-November-2021-1.pdf>

⁴ <https://tradingeconomics.com/euro-area/corporate-tax-rate>

3. Jenfasizza li r-regoli eżistenti tat-taxxa u d-diskrepanzi bejn ir-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u lil hinn, flimkien ma' nuqqas ta' kooperazzjoni internazzjonali, fost kwistjonijiet oħra, qed jippermettu lill-intrapriżi multinazzjonali jinvolvu ruħhom fi ppjanar aggressiv tat-taxxa li jnaqqas b'mod sinifikanti r-rati tat-taxxa effettivi tagħhom; ifakkar li din is-sitwazzjoni tpoġġi wkoll lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti, peress li qed iħallsu rati tat-taxxa effettivi notevolment ogħla meta mqabbla mal-intrapriżi multinazzjonali, fatt li mhuwiex aċċettabbli;
4. Jiddeplora l-fatt li t-telf li jirriżulta mill-użu ta' tranżazzjonijiet internazzjonali għal skopijiet ta' evitar u evażjoni tat-taxxa jċaħħad lill-Istati Membri tal-UE minn EUR 170 biljun kull sena⁵;
5. Jenfasizza l-pożizzjoni tiegħu adottata reċentement dwar id-Direttiva tal-Pilastru II, li titlob implimentazzjoni rapida sa Jannar 2023;

Il-proċess attwali tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-impatt tal-vetoes nazzjonali

6. Jisħaq li l-votazzjoni b'unanimità fil-Kunsill dwar il-politika tat-taxxa ma twassalx għall-introduzzjoni tal-bidliet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali; jiddispjaċih li s-sitwazzjoni attwali spiss twassal għal dewmien u nuqqas ta' progress fl-armonizzazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Unjoni li jkun ta' għid għal kulħadd;
7. Jissottolinja bi tħassib kbir għall-fatt li l-vetoes nazzjonali xekklu b'mod konsistenti l-progress f'ħafna oqsma importanti tat-tassazzjoni, bi proposti bħall-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties⁶, ir-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi u issa d-Direttiva tal-Pilastru II imblukkata fil-Kunsill bħala konsegwenza;
8. Jiddeplora l-fatt li l-vetoes nazzjonali fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni ġew sfruttati, użati bħala armi u bħala pedini tan-negozjar minn ċerti Stati Membri biex jiksbu gwadanji, jieħdu konċessjonijiet u jsegwu interessi oħra li jservuhom f'oqsma lil hinn u mhux relatati mat-tassazzjoni; ifakkar lill-Istati Membri f'dan ir-rigward dwar il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, kif minqux fl-Artikolu 4(3) tat-TUE; jisħaq li l-eżistenza ta' dawn il-vetoes thedded li tipperpetwa prattiki tat-taxxa dannużi u inġustizzja soċjali li jimminaw il-kapaċità tal-Unjoni li tiffunzjona b'mod effettiv, trawwem kundizzjonijiet ekwi u tipproteġi l-aħjar interessi taċ-ċittadini u l-SMEs tagħha;

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni u oqsma għal riforma

9. Jistieden lill-Ungerija ttemm minnufih l-imblukkar bla sens tal-ftehim globali dwar it-taxxa fil-Kunsill; jiddeplora l-fatt li Stat Membru wieħed għandu l-kapaċità li jżomm kemm l-implimentazzjoni ta' tali ftehim storiku kif ukoll lis-26 Stat Membru ieħor ostaġġ fil-ġlieda għal ġustizzja fiskali akbar;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ma jinvolvux ruħhom f'negozjar ta' kompromessi dannużi ma' Stati Membri li jabbużaw mill-vetoes nazzjonali tagħhom, u

⁵ https://pie.net.pl/wp-content/uploads/2018/07/PIE_Report_Tax_Havens_EU.pdf

⁶ ĠU L 157, 26.6.2003, p. 49.

biex jagħmlu l-konsegwenzi ta' tali abbużi ċari; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex joqogħdu lura milli japprovaw il-pjan nazzjonali Ungeriż għall-irkupru u r-reżiljenza sakemm l-Ungerija tkun ikkonformat bis-sħiħ mal-kriterji kollha stabbiliti fir-regolament, b'mod partikolari mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, tal-kunflitti ta' interess u tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontribom;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi mill-ġdid proposta biex timxi minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'għadd ta' oqsma ta' tassazzjoni, b'mod partikolari meta dawn ikunu meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern; iħeġġeġ lill-Istati Membri, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, biex iħaddnu t-tranżizzjoni mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'dawn l-oqsma; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-manifest ta' Ursula von der Leyen mill-kandidatura tagħha għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni, li kien jinkludi impenn li tagħmel "użu mill-klawżoli fit-Trattati li jippermettu li l-proposti fuq it-tassazzjoni jiġu adottati permezz tal-kodeċizzjoni u deċiżi b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill"; ifakkar bl-istess mod fid-diskors tal-eks President tal-Kummissjoni Juncker dwar l-istat tal-Unjoni tal-2018, fejn appella għal sistema ta' maġġoranza kwalifikata għal kwistjonijiet ta' tassazzjoni;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 116 tat-TFUE dwar ċerti politiki tat-tassazzjoni sabiex tirrinunzja r-rekwiżit tal-unanimità f'każijiet fejn il-Kummissjoni ssib li differenza bejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi fl-Istati Membri qiegħda tfixkel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti aktar dwar jekk ikunx xieraq li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni, sadanittant, tesplora l-possibbiltà li jinholq mekkaniżmu biex tiġi applikata l-kooperazzjoni msaħħa bħala l-metodu prestabbilit f'sitwazzjonijiet fejn tliet Stati Membri jew inqas jimblukkaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tassazzjoni mfassla biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-suq intern, jiġġieldu l-frodi, l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa, u jiproteġu l-ambjent;

o

o o

14. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.